**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tat-13 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Salvatore Attard**

## Il-Qorti,

Rat illi Salvatore Attard, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 225652M gie akkuzat talli:

*Fis-26/06/2013 ghall-habta ta' 17:00hrs gewwa Triq San Blas limiti ta' Haz-Zebbug waqt li kont qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBJ 464;*

1. *Soqt l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza, traskurata u bla kont.*
2. *B' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma' vettura bin-numru tar-registrazzjoni DYLAN u nvolontarjament ikkagunajt hsara ghad-dannu ta' Dylan Azzopardi.*

*Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li inti tigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghek tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.*

Rat id-dokumenti u l-provi prodotti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Minn ezami tax-xhieda prodotta fosthom ir-rapport ezebit fis-27 ta' Settembru 2016 u l-iskizz hemm anness, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi sufficjenti biex din il-Qorti ssib htija fl-imputat fir-rigward ta' entrambi l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Mid-dinamika ta' l-incident, ma jirrizultax li l-imputat saq b' manjiera perikoluza, traskurata u bla kont.

Il-Prosekuzzjoni lanqas ma resqet provi dwar it-tieni imputazzjoni peress li ma rnexxiliex tressaq lil Dylan Azzopardi sabiex jixhed f' dawn il-proceduri.

**Decide**

**Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi ma ssibx lil imputat hati ta' l-imputazzjonijiet mressqa kontra tieghu u tilliberah minn kull kundanna u htija.**

**Dr Simone Grech LL.D.**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**